MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 506/2003/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f' isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta**

**vs**

**Emanuel Grixti**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' April, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici proprio et nomine talbet il-kundanna tal-konvenut, sabiex ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u erbgha u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm2,264.05), rappresentanti ammonti dovuti mill-konvenut lill-istess Korporazzjoni proprio et nomine ghall-kera tal-'meters' u hlas tas-servizz u tal-

konsum ta’ ilma u elettriku, fil-fond ‘Darel Guest House’, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar, ghall-perjodu bejn id-29 ta’ Mejju, 1998 u t-2 ta’ Ottubru, 1999, b’kollox kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tas-7 ta’ Dicembru, 1999, u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-eccepjent ;
2 Fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, kull ammont li seta’ kien dovut, huwa perent a tenur ta’ l-Artikoli 2148(f) u 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
3 Fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-eccepjenti lill-korporazzjoni attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet ;

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, il-provi jindikaw illi mhux biss il-konvenut kien permezz ta’ skrittura iffirmata fit-22 ta’ Gunju ta’ l-1999 u spedita lill-korporazzjoni attrici, ntrabat illi jassumi l-obbligu tal-hlas tal-kontijiet kollha ghall-konsum ta’ ilma u luci elettrika fil-fond Darryl Guest House, San Pawl il-Bahar, izda kien ikkonsenja erba’ assenji (cheques) minnu ffirmati favur il-kumpannija attrici, bejn is-16 ta’ Lulju, 1999 u l-24 t’ Awissu, 1999 ghall-import totali ta’ elf, erba’ mija u sebghin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (LM1,470.89c).

Ghalhekk mhux biss tezisti relazzjoni guridika bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici izda jirrizulta illi sa' l-24 t' Awissu ta' l-1999, il-konvenut kien irrikonoxxa li huwa debitur tal-kumpannija attrici fis-somma globali ta' elf, erba' mija u sebghin lira Maltin (LM1,470), l-import tac-cheques esebiti u mhux ikkontestati.

Billi, kif jirrizulta mill-kont tat-13 ta' Frar tas-sena 2004 a fol 49 tal-process, il-kreditu tal-korporazzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut, ma kienx dak iz-zmien jissupera b' hafna s-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin, issib illi l-kreditu tal-kumpannija attrici ghandu jkun limitat ghall-import tal-assenji mahruga mill-konvenut, iffirmati u kkonsenjati u konsegwentement ghandu jkun limitat ghas-somma ta' elf, erba' mija u sebghin lira u disgha u tmenin centezmu (LM1,470.89c).

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevata minn l-istess konvenut, ir-riferenza ghall-perskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2148 (f) tal-Kap 16 li tirrigwarda l-azzjonijiet ta' kull persuna ghall-kera ta' hwejjeg mobbli, ma tapplikaz ghall-kaz in ezami fejn il-kreditu huwa naxxenti mill-iskrittura tat-22 ta' Gunju tas-sena 1999 kif munita bl-assenji rilaxxati mill-konvenut sa Awissu ta' l-1999 liema kreditu jinkwadra ruhu f' dak il-kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali kif kontemplat fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 li jitratta dwar il-preskrizzjoni b' gheluq il-hames (5) snin.

Billi mis-sena 1999 sat-8 t' Ottubru tas-sena 2003, meta gie pprezentat l-avviz odjern, ma kienux ghadhom ghaddew il-hames (5) snin kontemplati mill-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili ssib illi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma' tirrizultax u qeghdha tirrespingiha.

Konsegwentement tilqa' t-talba attrici limitatament billi tiddikjara illi l-atturi huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' elf, erba' mija u sebghin lira u disgha u tmenin centezmu (LM1,470.89c) u tikkudanna lill-konvenut sabiex

ihallas lill-atturi LM1,470.89 bl-imghaxijiet legali b' effett mit-8 t' Ottubru, 2003.

Bl-ispejjez jithallasu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur."

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din is-sentenza l-konvenut jirreplika l-eccezzjonijiet tieghu b' dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta stabbilit li kien hemm rabta guridika bejnu u l-Korporazzjoni attrici;
(2) Il-fatt li wiehed jiftiehem li ser ihallas il-kontijiet ta' iehor bl-ebda mod ma jinterrompi l-preskrizzjoni *vis-à-vis* it-terz kreditur;
(3) Qatt ma rceva kontijiet minghand il-Korporazzjoni attrici u, dippju, l-unika relazzjoni tieghu hi mas-socjeta` Darel Limited;
(4) L-imghaxijiet imposti kellhom se mai jiddekorru mid-data tas-sentenza ghax kien permezz ta' din li l-kreditu sar cert;

Il-Korporazzjoni attrici, oltre li wiegbet ghal dawn l-aggravji, issollevat, b' appell incidentali, illi l-konvenut kellu jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-ammont shih mitlub u mhux biss fis-somma kanonizzata bis-sentenza.

IN-NUQQAS ALLEGAT TAR-RELAZZJONI GURIDIKA

Taht dan il-kap il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tikkonsidra flimkien l-ewwel u t-tielet aggravji billi dawn jikkoncernaw l-istess tema, jigifieri, l-assenza ta' relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

B' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu.

Obbligazzjoni din li tista’ tkun wahda kemm “*di dare*” jew “*di fare*” jew “*di non fare*”. Tali rapport obbligatorju jista’ jkun wiehed f’ sens strett u jista’ jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha;

Ghal dak li jghodd in tema tal-hsieb appena affermat, jidher li l-fatti saljenti kif johorgu mill-atti istruttorji tal-kaz huma kif gej:-

(1) Bejn il-konvenut u Mario Frendo in rappreżentanza ta’ Darel Ltd kien hemm Operator’s Agreement datat 14 ta’ Gunju 1998 (fol. 33) li permezz tieghu l-konvenut obbliga ruhu, *inter alia*, li jaghmel tajjeb ghal hlas ta’ l-utilitajiet kollha sitwati fil-*guest house*, kompriz “*water and electricity bills*”;

(2) B’ ittra datata 22 ta’ Gunju 1999 (fol. 44), taht il-firma ta’ Mario Frendo u tal-konvenut, il-Korporazzjoni attrici giet informata illi “*the outstanding bills due to your organisation in respect to Darel Guest House for water and electricity will be the responsibility of Mr. Emmanuel Grixti*”;

(3) A fol. 27 jinsabu esebiti erba’ cekkijiet emessi mill-konvenut ghan-nom ta’ White Rose Laundry and Dry Cleaning Ltd, ilkoll kontenenti r-rimarka “*Referred to Drawer*”;

Mill-premessi fatti jidher li kien hemm vinkolu kontrattwali bejn il-konvenut u s-socjeta` Darel Limited u rapport obbligatorju bejn il-konvenut u l-Korporazzjoni, li permezz tieghu l-appellant assuma r-responsabilita tal-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ta’ l-ilma;

L-appellant jadduci b’ argoment illi l-fatt li hu ffirma l-ittra imsemmija fl-elenku tal-fatti ma jgibx ghal daqshekk il-holqien ta’ rabta kontrattwali gjaladabra l-Korporazzjoni ma mmanifestatx l-accettazzjoni taghha ghal dak propost f’ dik l-ittra. Huwa anzi jippretendi li l-Korporazzjoni kellha

tharrek lil Mario Frendo sid il-*guest house* u dan, imbaghad, ikollu dritt ta' rivalsa kontra tieghu in virtu ta' l-*operator's agreement*;

Bir-rispett kollu dovut dan l-argoment huwa ghal kollox fallaci. Fl-ewwel lok, is-sinjifikat guridiku objettiv li johrog mid-dikjarazzjoni sottoskritta f' dik l-ittra, fuq l-istregwa tal-kriterji ermenewtici legali maghrufa, hu dak li l-appellanti mpenja ruhu b' obbligu li jhallas il-kontijiet tal-g*uest house* u allura dahal f' rapport dirett mal-Korporazzjoni. Fit-tieni lok, gjaladarba, ukoll, ma ntalbet ebda forma determinata partikolari, l-accettazzjoni tista' tkun manifestata bi kwalsiasi mod u mhux necessarjament u bil-fors bil-forma skritta. Fit-tielet lok, dik l-accettazzjoni, fil-kaz konkret, hi evidenzjata mir-ricezzjoni tac-cekkijiet intizi biex jaghmlu tajjeb ghal kont pendenti. Anke dan jiswa bhala manifestazzjoni ta' akkonsentiment u accettazzjoni tad-dikjarazzjoni fl-ittra. Konsegwentement, kemm l-ewwel kif ukoll it-tielet aggravji qed jigu skartati bhala infondati.

<u>IL-PRESKRIZZJONI</u>

Fuq l-assunt tieghu illi l-uniku rapport hu dak biss ma' Darel Ltd, l-appellanti jissottometti illi l-fatt li wiehed jiftiehem li ser ihallas il-kontijiet ta' din is-socjeta` ma jistax jikkwalifika bhala mezz ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni di fronte ghall-Korporazzjoni terza. *Ergo*, u *quod erat demonstrandum*, in bazi ghal dan l-assunt, skond l-appellanti "il-preskrizzjoni xorta baqghet ghaddejja fil-konfront tieghu", u allura l-ewwel Qorti messha laqghet il-preskrizzjoni opposta ai termini ta' l-Artikoli 2148 (f) u 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Gja gie determinat hawn fuq fl-istharrig dwar l-ewwel u t-tielet aggravji illi l-ittra dikjaratorja tat-22 ta' Gunju 1999 ikkrejat bejn il-kontendenti relazzjoni guridika ben definita u dan igib li l-assunt kollu ta' l-appellanti fil-konsiderazzjoni tal-punt tal-preskrizzjoni jaqa' bhal mazz karti. Jifdal biss li jigi investigat jekk, f' kull kaz, ghandux

ikollhom applikabilita` ghall-fattispeci l-preskrizzjonijiet eccepiti;

Ibda biex qed jigi osservat illi l-preskrizzjoni sollevata a tenur ta' l-Artikolu 2148 (f) riferibilment "ghall-kera ta' hwejjeg mobbli" ma ticcentra xejn fil-kaz ta' azzjoni ghall-hlas bhal dak pretiz bl-avviz. Hawn si tratta ta' ghoti ta' servizz u l-fatt tal-*meter rentals* hu biss incidentali ghall-prestazzjoni ta' dak is-servizz. Ara in materja l-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "**John Scicluna *nomine* -vs- Robert Spiteri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Novembru 1992 anke jekk dak il-kaz mhux ezattament identiku, trattasi minn talba ghall-hlas tas-servizz tat-*telephone*. Jibqa' l-fatt illi dak l-istess hsieb f' dik is-sentenza hu valevoli ghall-fattispeci tal-kaz in diskussjoni, u allura, il-preskrizzjoni li, se mai, kienet applikabbli hi dik kontemplata fl-Artikolu 2156 (f), u mhux ukoll dik ta' l-Artikolu 2148 (f);

Precizat dan il-punt, fuq l-interpretazzjoni taghha ta' l-ittra, ampjament riferenzjata, u tac-cekkijiet esebiti, din il-Qorti tara li l-appellanti kien qed jirrikonoxxi illi huwa debitur tal-Korporazzjoni appellata. Fihom insibu estrinsikati r-rekwiziti okkorrenti ta' l-esternazzjoni ta' dik il-volontarjeta`, konsapevolezza u inekwivocita`, tar-rikonjizzjoni tal-kreditu u dan hu tradott fl-interruzzjoni tal-preskrizzjoni opposta, a norma ta' l-Artikolu 2133 Kodici Civili. Effettivament, il-hlas bic-cekkijiet hu nkompatabbli mal-volonta` fl-appellanti li jiddiskonoxxi l-pretiza tal-Korporazzjoni kreditrici u, dippju, iservi biex jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun miexja. Ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 755**. Biex jinghad kollox, anke minn dak sottomess mill-appellanti fil-korp ta' l-appell tieghu, huwa ma jichadx id-dejn imma semplicement isostni illi l-kreditur tieghu hi l-kumpanija Darel Ltd u mhux il-Korporazzjoni. Sottomissjoni din li, kif muri, giet dikjarata insostenibbli;

Affrontata mill-perspettiva appena enuncjata, dik l-interruzzjoni ggib l-effett li tannulla l-perijodu preskrittiv gja

mibdi u tikkreja l-bidu ta' perijodu iehor gdid. Dan kif rifless ukoll mill-Artikolu 2136 tal-Kapitolu 16. Li jfisser, illi meta giet intavolata l-azzjoni (8 ta' Ottubru 2003) ma kienx ghadu ddekorra l-perijodu preskrittiv dovut bl-ittra msemmija (22 ta' Gunju 1999). Dan, lanqas meta hu deher quddiem l-ewwel Qorti fis-26 ta' Marzu 2004 u ta ruhu b' notifikat bl-avviz.

L-IMGHAXIJIET

Din il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni fl-aggravju mqanqal fuq dan il-punt. Il-kreditu ma sarx cert bis-sentenza imma kien wiehed maghruf u skadut minn qabel l-intavolar ta' l-azzjoni. Billi ma jirrizultax li saret ittra ufficcjali, hu l-avviz innifsu li jikkostitwixxi l-att gudizzjarju ghar-radikar tad-dritt ghall-interessi skond it-termini ta' l-Artikolu 1141 (2), Kodici Civili. L-ewwel Qorti kienet ghalhekk guridikament korretta meta ghamlet li l-imghaxijiet jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' l-avviz.

L-APPELL INCIDENTALI

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-aggravju tal-Korporazzjoni attrici jimmerita akkoljiment. Jidher li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-kont tal-Korporazzjoni esebit mill-konvenut a fol. 49 tal-process. Meta wiehed jifli sewwa dan il-kont flimkien ma' l-ittra tal-Korporazzjoni datata 29 ta' April 2003 (fol. 50) ghandu jsib illi dak il-kont kien wiehed domestiku u mhux kummercjali u kien relatat ma' ammont dovut mill-konvenut *vis-à-vis* il-fond ta' residenza tieghu fil-Hamrun u mhux ukoll tal-*guest house* fil-Qawra. Dan jirrizulta hekk kjarament mill-ittra precitata fejn il-Korporazzjoni tigbed l-attenzjoni ta' l-appellant ghall-ammont dovut fuq kontijiet "fil-post fuq imsemmi", jigifieri, dak Block D 1/1, Triq id-Duluri, Hamrun;

Jirrizulta wkoll illi c-cekkijiet mahruga mill-appellant ma kienux intizi biex jissaldaw l-ammont intier dovut imma "bhala pagament akkont ta' l-ammont li kien hemm

pendenti”. Ara deposizzjoni tax-xhud Carmel Briffa, Senior Administrator fil-Korporazzjoni attrici, fol. 42.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell principali tal-konvenut fil-kapi tieghu kollha. Tilqa’ invece l-appell incidentali tal-Korporazzjoni attrici u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess Korporazzjoni attrici l-ammont ta’ elfejn, mitejn u erbgha u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm2264.05) bl-imghax dekoribbli mit-8 ta’ Novembru 2003. L-ispejjez gudizzjarji kollha taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------